MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 176/2003

**Margaret Spiteri**

**vs**

**Alfred Gialanze**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ (Lm 320.00c) tlett mija u ghoxrin lira Maltin rappresentanti bilanc ta’ somma akbar li giet mislufa lill-konvenut, hekk kif jirrizulta mill-anness skrittura datata 22 ta’ Marzu, 2001.

Bl-imghax skond il-ligi b’ effett mit- 30 ta’ April, 2001 stante li l-istess skrittura tipprovdi li ghandu jiddekorri imghax fl-eventwalita ta’ morozita min-naha tal-konvenut.

Ra li l-konvenut baqgha ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema lil Dr. Michael Grech jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------